# Il-Kurunella tal-Madonna tad-Duttrina

*Karmenu Massa*

Fl-imgħoddi, anzi sa madwar sittin sena ilu, il-liturġija fil-knisja kienet tkun kollha bil-Latin. Il-livell t'edukazzjoni kien baxx, b'hekk ħafna ma kinux jifhmu x'qed jingħad u kotba fuqhiex isegwu ma kellhomx għax ftit nies kienu jafu jaqraw. Għaldaqstant, kulħadd kien jitgħallem it-talb bl-amment. Fis-seklu dsatax bdew jidhru xi pubblikazzjonijiet żgħar ta' talb jew tagħlim tad-duttrina nisranija bil-Malti. Fosthom kien hemm il-kurunelli ta'tifħir lil qaddisin li jiġu ċċelebrati l-festi parrokjali tagħhom.

Il-kelma "kurunella" ġejja mill-kelma kuruna. Fl-imgħoddi meta kien jintuża t-Taljan kienu jirreferu għalihom bħala "coroncina". Dan għaliex din tkun tikkonsisti min-numru ta' strofi fil-forma ta' poeżija. Għalhekk tkun bħal kuruna ta' talbiet. L-istess kelma nużawha għall-kuruna tar-rużarju għax ukoll hi kuruna ta' talb. Dan il-forma ta' talb kien ikun faċli biex il-poplu jkun jista' jitgħallem malajr u jkun jista' jgħidha maċ-celebrant u mal-kumplament tan-nies fil-knisja. Min kien jitgħallem xi kurunella kien ukoll jgħidha bħala parti mit-talb tiegħu ta' kuljum bħala devozzjoni.

Fost il-kurunelli, insibu waħda tal-Madonna tad-Duttrina miktuba apposta biex tingħad fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Din tingħad fit-tridu tal-festa b'devozzjoni lejn il-Madonna. Tikkonsisti f'seba' strofi u bejn strofa u oħra tingħad is-Sliema u l-Qaddisa. Fl-aħħar tal-kurunella nsibu wkoll talba lill-Madonna tad-Duttrina.

Minn dokument sfuż li nstab fil-kotba tal-Fratellanza


Umile Ricorso di
Achille Ferris, Maestro Principale
nella Scuola Primaria-Modello
della Valletta.

Il-kitba ta' Achille Ferris, fir-rikors li għamel għall-kurunella li kiteb hu stess

fl-arkivju Parrokkjali ta' Ħal Tarxien, sirna nafu li din inkitbet fl-1875. Bis-saħħa ta' dan id-dokument li huwa f'forma ta' rikors, insiru nafu li l-awtur ta' din il-kurunella ma hu ħadd ħlief il-kttieb, edukatur u storiku Achille Ferris. F'dan ir-rikors, l-awtur jitlob lill-Isqof Mons. Carmelo Conte Scicluna biex jgħati 40 jum indulgenza għal kull min jgħid din il-kurunella u erbgħin jum għal kull min jgħid it-talba tal-aħħar.


Achille Ferris (1837 - 1907)

### *Achille Ferris*

Achille Ferris twieled l-Isla fis-7 ta' Lulju tal-1837 minn Francesco u Francesca nee Bertis . Sa qabel iggradwa mill-Università ta' Malta kien diġà wera l-kapaċitajiet akkademiċi tiegħu. Ta' sittax-il sena kien diġà mlaħħaq bħala assistent surmast u sentejn wara laħaq ukoll surmast tal-Iskola Primarja Esperimentali fil-Belt Valletta. Fl-1882 ġie mlaħħaq Spettur tal-Iskejjel tal-Gvern. Hu magħruf l-aktar fost l-istudjużi Maltin tal-istorja tal-knisja f'Malta għall-ktieb tiegħu "Descrizione storica Delle Chiese di Malta e Gozo" li ppubblika fl-1866. Ippubblika wkoll il-ktieb "Storia Ecclesiastica di Malta" fl-1887. Kien ukoll studjuż tal-ilsien Malti, tant li ppublika studju dwar l-ismijiet tal-lokalitajiet Maltin bit-titlu "Notizie Storiche sull' Etimologia dei nomi appropriati a varie localita' del' Isola di Malta".

Fl-1881 ippublika l-ktieb "Memorie dell' Inclito Ordine Gerosoliminato esistente nell' Isola di Malta" li għalih l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann aċċettatu bħala membru fi ħdanha.

Ippubblika wkoll diversi kotba ta' tagħlim għall-iskejjel primarji, li dak iż-żmien kienu għadhom fil-bidu tagħhom hawn Malta. Fosthom, tliet kotba bl-isem ta' "Lettura Italo-Maltese ad Uso delle Scuole Primarie" bejn l-1888 u l-1902. Kiteb ukoll diversi kotba oħra bl-Ingliż għall-


Ir-rikors kollu

iskejjel primarji. Barra dawn kiteb ukoll xi kotba reliġjużi fosthom "Il-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi" (1880), "L-Istorja tal-Madonna ta' Liesse" (1888) u "Il-Ħajja ta' Sidna Ġesu' Kristu" (1892). Ta' dawn ix-xogħlijiet, għax kien persuna ta' karattru reliġjuż u għax kien involut fl-edukazzjoni, fil-filantropija u l-kultura, hu kien ingħata t-titlu ta' Kavallier tal-Ordni Pontifiċju ta' San Girgor.

Achille Ferris miet ta' 70 sena fid-dar tiegħu fil-Belt Valletta nhar l-1 ta' Frar ta' 1907.

### *Ir-Rikors*

Fir-rikors għat-talba tal-indulġenza nsibu li hu indirizzat lill-Eċċellenża Tiegħu Rev. Mons. Dr. D. Carmelo Conte Scicluna, Arċisqof, Isqof ta' Malta. L-awtur, wara l-kliem "Umile Ricorso di" jiddeskrivi lilu nnifsu bħala "Achille Ferris, Maestro Principale nella Scuola Primaria Modello della Valletta". Dan hu kważi l-istess mod kif jiddeskrivi lilu nnifsu f'kitbiet tiegħu fosthom fil-ktieb "Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo".

Imbagħad, jgħaddi biex jispjega li l-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina, imwaqqfa dan l-aħħar fil-Veneranda Knisja Parrokjali ta' Ħal Tarxien, talbitu jikteb il-kurunella li tinsab mehmuża mar-rikors. Wara, fl-istess paragrafu jgħaddi għat-talba proprja li fiha jesprimi x-xewqa li l-V.E.Rma. (Vostra Eccellenza Reverendissima) jikkonċedi l-indulġenza ta' 40 jum għal kull min jgħid is-seba' strofi tal-kurunella bis-seba' Ave Maria. Imbagħad jitlob ukoll 40 jum ieħor għal kull min jgħid it-talba li biha tagħlaq din il kurunella.

Fl-aħħar ta' din il-kitba nsibu: il-post u d-data tat-talba li huma il-Belt Valletta fl-4 ta'Settembru 1875.

Aktar 'l isfel f'dan id-dokument insibu li din it-talba ntlaqgħet u wara l-kliem "Si accorda" (hu miftiehem) insibu il-kliem " Valletta nel Palazzo Arcivesco" u l-istess data tal-4 ta' Settembru 1875. Dan jidika li jew it-talba għaddiet għand l-Isqof fl-istess jum li nkitbet u ttieħdet, jew min qed jgħamel it-talba mar hu stess għand l-Isqof.

Fl-aħħar ta' dan id-dokument insibu il-firma tal-Isqof bil-kliem "Carmelo Arciv Vescovo di Malta". Tajjeb ngħid, li kien l-istess Monsinjur Conte Scicluna, bħala Vigarju, li sena qabel waqqaf il-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina f'Ħal Tarxien.

Fil-ktieb tal-fratellanza, ta' dħul u ħruġ tal-ispejjez li kienu jsiru, insibu li fit-22 ta' Diċembru tal-1875 sar ħlas għal mitt kopja tal-kurunella. Għalhekk, minnufiħ kif saret din il-kurunella ġdida b'devozzjoni lejn il-Madonna tad-Duttrina, bdiet tiġi stampata biex tkun imqassma fost il-fratelli u d-devoti.

Fil-1953 din il-kurunella ġiet ikkonfermata bin-"Nihil Obstat" u l-"Imprimatur". Dawn huma dikjarazzjoni li din il-kitba hi meħlusa minn żbalji dottrinali jew morali. "Nihil Obstat" ingħatat minn Patri Joseph Xuereb O.P. nhar it-22 ta' Ġunju. L-"Imprimatur" ingħatat fil-Kurja ta' l-Arċisqof minn Mons. Isqof Emanuele Galea Vigarju Ġenerali nhar is-27 ta' Ġunju.

Id-devozzjonijiet permezz tal-kurunelli llum naqsu ħafna. Fortunatament, qed jinżammu ħajjin għax għadhom jingħadu fi żmien il-festi fil-knejjes Maltin. Dawn huma forma letterarja minn tal-bidu fil-kitba bil-Malti. Il-poplu kollu kien jgħamel ħafna użu minnhom fit-talb tiegħu ta' kuljum.

KURUNELLA

TAL-

MADONNA TAD-DUTTRINA

O Marija glorja tagħna
Bħal uliedek insellmulek,
Nitolbuk li bil-qalb tilqa'
Dan it-talb li ser ngħamlulek.
Għaliex Inti Omm ħanina,
O Madonna tad-Duttrina.
*Pater, Ave, Glorja.*

F'dan il-wied minn tat-tbatija
Nitolbuk li tieqaf magħna,
U mill-qerq tħarisna dejjem
Minn tal-kiefer għadu tagħna.
U għal dan il-qawwa tina
O Madonna tad-Duttrina.
*Pater, Ave, Glorja.*

Bil-virtù li kellek Inti
Lilna żejjen ulied tiegħek,
Sabiex dejjem kif nixtiequ
Marbutin inkunu miegħek.
B'dana biss għandek tgħanina
O Madonna tad-Duttrina.
*Pater, Ave, Glorja.*

Agħmel Inti li mad-dinja
Qatt ma nkunu marbutin
Iżda għall-ħwejjeġ tas sema
Biss inkunu miġbudin.
Din il-ħrara kebbes fina
O Madonna tad-Duttrina.
*Pater, Ave, Glorja.*

Bħal Omm tagħna tad-Duttrina
Int għallimna l-Biża' t'Alla
U wettaqna f'dik il-fidi
Li Gesù Ibnek ħilna ħalla.
F'dina t-triq dejjem mexxina
O Madonna tad-Duttrina.
*Pater, Ave, Glorja.*

Meta il-aħħar ta' ħajjitna
Aħna nkunu fl-agunija,
Tħallix iżda ieqaf magħna
Bħal uliedek o Marija.
F'dak il-waqt idħol għalina
O Madonna tad-Duttrina.
*Pater, Ave, Glorja.*

Int sa l-aħħar żomm nadifa
Ir-ruħ tagħna mid-dnubiet,
Biex ikollna x-xorti niġu
Flimkien miegħek fis-smewwiet.
Dan ikun jekk tassistina
O Madonna tad-Duttrina.
*Pater, Ave, Glorja.*

TALBA

L-ulied tiegħek o Marija
Hekk kif huma miġburin
Lilek jagħtu kull fożrija
U igħidulek ma' xulxin:

Inti waħdek dhirt bla ħtija
Bi kbir għageb tal-bnedmin.
L-iżjed safja Int Marija
Fost kemm huma l-qaddisin.

O Marija natuk qalbna
Bħal uliedek maħbubin,
U Int mis-sema ilqa' talbna
Flimkien m'Ibnek il-ħanin.

Aħna wliedek, u Inti Ommna,
Miegħek żommna marbutin,
Għax mill-għadu jekk tkun magħna
Żgur noħorġu rebbeħin. Hekk ikun.

Nihil Obstat
datum die 22 Junii 1953
Fr. Josephus M. Xuereb O.P.
Cens. Theol.

Imprimatur
Datum in Curia Archiep.ali Melit.
die 27 Junii 1953
† Em. Galea Ep Trall. in Asia
Vic. Gen.




L-eqdem kopja stampata tal-kurunella li nstabet s'issa